**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru : 26/2020 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**CH**

**Vs**

**FH**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CH datat 22 ta' Jannar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Il-partijiet iżżewwġu f'Malta fis-7 ta' Settembru 1990 (kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala dok MH 1). Minn dan iż-żwieġ twieldu tliet itfal: A li għandha X sena, P li għandu Y sena u M li għandu Z – il sena. Għaldaqstant A u P huma maġġorenni u M għadu minorenni.*

*Il-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt redatt u ppubblikat minn Nutar Dottor Pierre Attard fl-14 ta' Ġunju 2019, hekk kif jidher mill-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala dok MH 2;*

*Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u dan stante li minbarra li ilhom separati legalment minn Ġunju 2019, il-partijiet ilhom separati de facto għal dawn l-aħħar erba' (4) snin, u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Ma hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment stante li l-partijiet irrinunzjaw għall-kwalunkwe dritt jew obbligu ta' manteniment skont l-Artikolu 7 tal-istess kuntratt ta*

*separazzjoni. Addizzjonalment, il-manteniment, kura u kustodja tat-tifel minuri M huwa rregolat b'mod sodisfacjenti permezz tal-klawsola 5 tal-istess kuntratt.*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' FH, datata 11 ta' Ġunju 2020 a fol 31, li taqra hekk:

*Illi huwa minnu li l-partijiet iżżewwġu fis-7 ta' Settembru 1990 ġewwa Malta, u minn dan iż-żwieġ kellhom tliet itfal, fejn l-iżgħar wild, u ċioe M għadu minorenni;*

*Illi huwa minnu li l-partijiet infidru legalment permezz ta' kuntratt datat l-14 ta' Ġunju tas-sena 2019 fl-atti tan-Nuttar Dottor Pierre Attard;*

*Illi huwa minnu li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi huwa minnu li l-partijiet ilhom separati de facto għal dawn l-aħħar erba' snin u għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi huwa minnu li jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għal-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant l-esponenti, bil-ġurament tagħha tikkonferma li hija taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti CH u ma ssib ebda oġġezzjoni li dina l-Onorabbli Qorti*

*tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Semghet ix-xhieda bil-proċedura tal-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CH** xehed (vide fol 36) illi huwa izzewweġ lil FH fis-7 ta' Settembru 1990 u minn dan iż-żwieġ twieldu tliet itfal, tnejn maġorenni u wieħed minorenni. Dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat 14 ta' Ġunju 2019. Xehed illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Xehed ukoll illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn erba' snin u għandhom ħajja totalment separata minn xulxin. Xehed ukoll illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet għaliex huma irrinunzjaw għal kwalunkwe dritt jew obbligu ta' manteniment skont l-Artikolu 7 tal-kuntratt ta' separazzjoni. Il-manteniment tat-tifel minuri huwa irregolat permezz tal-klawsola 5 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni. Finalment xehed illi martu taqbel mat-talba għad-divorzju u li ma għandha ebda oġġezzjoni għall-awtorizzazzjoni mill-Qorti tad-divorzju u l-ħall taż-żwieġ ta' bejniethom.

FH, xehdet (vide affidavit, Dok FH, fol 41), illi hija izzewwġet lil żewġha CH fis-7 ta' Settembru 1990 u minn dan iż-żwieġ twieldu tliet itfal - minn dawn it-tfal wieħed għadu minuri. Illi fl-14 ta' Ġunju 2019, il-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard datat 14 ta' Ġunju 2019. Hija xehdet illi pero l-partijiet ilhom separati de facto għal dawn l-aħħar erba' snin u għandhom ħajja totalment separata minn xulxin. Xehdet ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom. Finalment xehdet ukoll illi hija ma toġġezzjonax għat-talba ta' divorzju minn żewġha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Settembru 1990 (Vide Dok MH1 fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett tfal, tnejn maġorenni u wieħed minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard, datat 14 ta' Ġunju 2019 (vide Dok. MH 2 fol 5 et seqq.) Mill-affidavit tal-attur (fol 36) u tal-konvenuta (fol 41), jirriżulta illi l-partijiet ilhom sseparati de facto għal dawn l-aħħar erba' snin u għandhom ħajja totalment separata minn xulxin, B'hekk huwa sodisfat ir-rekwizit illi l-partijiet ikunu separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx arretrati ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ipprovat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**